Ħarġa numru 4: Jannar, 2013



il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li jiġi organizzat kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hemm ħafna xi tgħid. Hija xi ħaġa pożittiva ħafna li tara daqstant kotba jikkompetu kull sena, u dan f'rabta ma' ġeneri u suġġetti differenti. Dan żgur huwa sinjal li Malta għandha l-ġenju u l-aspett kreattiv tagħha li jistgħu jħabbtuha anki ma' pajjiżi ħafna ikbar minnha.

Min-naħa l-oħra, bosta jistaqsu kif sena wara l-oħra, u issa dan ilu jseħħ għal snin twal, f'ċerti taqsimiet qed jiġu ppremjati dejjem l-istess awturi f'rabta mal-istess djar tal-pubblikazzjoni. Wieħed jistaqsi għaliex dan? Jekk hux veru li xogħlijiet ta' dawn iċ-ċerti wħud humiex l-aqwa fil-kategorija tagħhom, jew jekk il-membri tal-Ġurija, li f'ċerti kategoriji qed ikollhom anki mal-erbgħin ktieb x'jiflu fi żmien limitat, humiex iħarsu biss lejn l-ismijiet tal-kittieba involuti u b'hekk iwarrbu *a priori* ċerti titli ta' kittieba mhux magħrufa, jew humiex verament jaqraw u jiflu sewwa u minn kull angolu x-xogħlijiet kollha li jingħataw lilhom? Dawn mhumiex dubji li qed jgħaddu minn moħħ persuna waħda imma qed jinkwetaw lil bosta! Il-kotba li jidħlu għall-Premju għandhom jinflew minn kull perspettiva possibbli: il-produzzjoni, il-kontenut, il-valur letterarju, kulturali, xjentifiku u l-bqija, flimkien ma' bosta aspetti oħra. Għal xi wħud il-Premju huwa premju bonus ladarba qed jiġu ppremjati f'bosta każi dawk li wara xogħolhom ikun hemm magna propogandistika (ara l-ispazju sfaċċat u immedjat li jingħata lilhom fuq il-gazzetti u r-rivisti marbutin magħhom, u anki fuq il-mezzi tax-xandir in ġenerali, u dan *ad infinitum*) jew magna tal-*marketing* b'saħħitha ħafna. Wieħed iħoss li l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom jibdew jagħtu iktar importanza liż-"żgħir", u "żgħir" f'dan il-każ żgur mhux fil-kwalità imma fil-mezzi finanzjarji meta jiġi biex jippubblika u anki biex jirreklama l-prodott tiegħu.

Huwa veru li llum hemm opportunitajiet bħal dawk li qed joffri l-Fond tal-Kunsill tal-Arti. Però hu veru wkoll li l-awtoritajiet jistgħu jagħmlu ħafna iktar fejn jidħlu l-pubblikaturi u l-kittieba ż-"żgħar": għaliex meta joħroġ ktieb lokalment il-gvern ma jixtrix numru sostanzjali ta' kopji (u mhux numru miżeru li tgħoddu fuq is-swaba' ta' jdejk!) biex ikun jista' jqassamhom fil-libreriji reġjonali, fil-libreriji tal-iskejjel tal-istat u anki fil-libreriji tal-kunsilli lokali? L-eluf u l-miljuni tal-ewro jinsabu għal oqsma oħra, mela għandhom jinsabu wkoll f'rabta mal-ktieb Malti. U fejn jidħlu kotba lokali b'ilsna oħra, għaliex il-gvern jew entitajiet oħra ma jixtrux ammont sostanzjali mingħand l-awturi jew il-pubblikaturi stess biex ikunu jistgħu jitqassmu fil-libreriji tal-lukandi u jintbagħtu saħansitra barra minn Malta? Dawn huma biss ftit ideat kif wieħed jista' jgħin u jinkuraġġixxi 'l-pubblikaturi u 'l-awturi ż-"żgħar".

# L-AĦBARIJIET

**JITNIEDA RUMANZ ĠDID TA' ALFRED MASSA**

Nhar is-Sibt, 1 ta' Diċembru 2012, fiċ-Ċentru Komunitarju ta' Ħal Tarxien, tnieda r-rumanz ġdid ta' Alfred Massa, *Il-Ħajja Mqallba taz-Zija Rhoda*, ippubblikat minn Agius & Agius. Il-panel kien magħmul mill-awtur stess, mill-pubblikatur, is-Sur Sebastian Agius, u s-Sindku ta' Ħal Tarxien, il-Kav. Paul Farrugia. Waqt l-istess okkażjoni nqara studju dwar ix-xogħlijiet ta' Massa mill-President tal-Għaqda Poeti Maltin, is-Sur Charles Magro. Kien hemm ħin għall-pubbliku biex jistaqsi mistoqsijiet dwar ir-rumanz u x-xogħol ta' Massa. L-awtur iffirma wkoll kopji ta' *Il-Ħajja Mqallba taz-Zija Rhoda*. Fl-aħħar kien hemm riċeviment fejn ġie ċċelebrat ukoll għeluq snin Alfred Massa, li proprju fl-1 ta' Diċembru għalaq 74 sena.



**Waqt mit-tnedija tar-rumanz ġdid ta' Alfred Massa f'Ħal Tarxien**

**TAĦDITIET U KTEJJEB DWAR DE SOLDANIS**

Matul dawn l-aħħar xahrejn saru sensiela ta' taħditiet f'lokalitajiet differenti dwar il-Kanonku Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis f'għeluq it-300 sena minn twelidu. Il-kelliema kienu bosta, fosthom Dr. Joseph Bezzina, John J. Borg, il-Prof. Arnold Cassola, Godwin Vella, Dr. William Zammit, Olvin Vella u Rosabelle Carabott. Għal din l-okkażjoni tnieda wkoll ktejjeb ta' tagħrif dwar De Soldanis bl-isem ta' *DE SOLDANIS—L-ESPLORATUR TAL-ILSIEN MALTI* tal-istess R. Carabott. Inizzjattivi bħal dawn ta' min ifaħħarhom tassew. Ta' min wieħed iżid li hemm bosta materjal interessanti u siewi dwar De Soldanis fuq il-*You Tube*.

**KOTBA MIĠBURA GĦALL-FAĊLITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN**

Fl-20 ta' Diċembru li għadda saret preżentazzjoni ta' bejn wieħed u ieħor mitejn ktieb lill-President ta' Malta fil-Palazz ta' Sant'Anton, biex wara jgħaddu għar-residenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Dan seħħ bil-għajnuna tal-Akkademja tal-Malti, flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Għaqda Poeti Maltin u għadd ta' pubblikaturi (KKM, Merlin, SKS, Bronk, Faraxa u Outlook).

**IL-PROF. OLIVER FRIGGIERI ONORAT AKTAR MINN DARBA**

Il-Prof. Oliver Friggieri ngħata l-onorifiċenza *Al Merito della Repubblica Italiana* mill-Ambaxxatur Taljan Luigi Marras, f'isem Giorgio Napolitano, il-President tar-Repubblika Taljana. Din ingħatat lil Oliver Friggieri għall-kontribut kbir tiegħu fir-riċerka dwar ir-relazzjonijiet kulturali bejn iż-żewġ pajjiżi. Intant il-Prof. Friggieri ngħata wkoll il-"Premju għal dik il-persuna li tat kontribut siewi fil-letteratura jew fil-qasam tal-ktieb". Dan seħħ waqt iċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2012.

**TAGĦRIF SIEWI FUQ IL-*YOU TUBE***

Wieħed jista' jsib ukoll bosta tagħrif siewi fuq il-*You Tube* — magħmul minn numru ta' intervisti ma' studjużi, riċerkaturi u akkademiċi differenti — anki dwar Missier l-Ilsien Malti, Mikiel Anton Vassalli, u l-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro, l-ewwel poeżija li nstabet s'issa miktuba bil-Malti f'nofs is-seklu 15.

**GIOVANNI CURMI—POETA, KITTIEB U STUDJUŻ**

Is-sena 2013 (eżattament fl-4 ta' Ġunju) tfakkar l-40 sena mill-mewt ta' Giovanni Curmi, ħabib u studjuż tal-Letteratura Taljana.

# L-AĦBARIJIET

### ĦARĠA OĦRA TAR-RIVISTA TAL-POEŻIJA *VERSI*


Għaqda Poeti Maltin
ħarġa 2013/1

versi

karmenu VASSALLO
mitt sena minn twelidu
minn alfred MASSA

Karmenu Vassallo, magħruf bħala *Il-Poeta tan-Mirien* dis-sena jaħbat iċ-ċentinarju ta' twelidu. Huwa twieled is-Siġġiewi fit-18ta' Marzu 1913.Studju fil-Kulleġġ San Alwiġi u fil-Kunvent San Mark. Għal xi żmien kien se jsir reliġjuż fl-Ordni Missjunarja ta' San Pawl.

Ħadem bħala ġurnalist mal-gazzetta *Leħen is-Sewwa* u aktar tard mal-gazzetta *Il-Berqa* li tagħha għal xi żmien kien editur letterarju. Iżda mbagħad sar għalliem tal-Malti, tal-Taljan, tal-Ġografija u tal-istorja.

Vassallo issieħeb fl-Akkademja tal-Malti fl-1937. Iddistingwa ruħu bħala poeta u niseġ versi kemm bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan. Poeżiji tiegħu kisbu premjijiet u unuri f'diversi konkorsi. Uħud minnhom ġew tradotti fil-Franċiż minn Laurent Ropa, fit-Taljan minn Giovanni Curmi u V.M. Pellegrini u fl-Ingliż mill-professur A.J. Arberry.

Fl-1972 Vassallo ngħata l-Medalja Ġużè Muscat Azzopardi flimkien mal-poeta Anton Buttigieg u fl- 1986 inħatar Membru Onorarju ad vitam tal-Għaqda poeti Maltin. F'dik is-sena wkoll ingħata l-Premio Città di Valletta.

Fost il-Ġabriet poetiċi li ħallielna nsibu **Nirien** (1938), **Kwiekeb ta' Qalbi** (1944), **Tnemnim** (1970) u **Bejn Qċaċet u Qigħan** (1974). Ta' min isemmi anki **Il-Metrika Maltija** (1940) u **Vatum Consortium** (1969).

Karmenu Vassallo miet fis-6 ta' April 1987.

karmenu VASSALLO

versi

Għadu kemm ħareġ l-ewwel numru għas-sena 2013 tar-rivista poetika tal-Għaqda Poeti Maltin, *VERSI*. Din id-darba qed jitfakkar il-mitt sena mit-twelid ta' Karmenu Vassallo. L-Editorjal jittratta l-isem tal-Għ.P.M. fil-kuntest dinji. Wieħed isib ukoll għadd ta' poeżiji b'ilsna differenti kemm ta' poeti Maltin kif ukoll barranin, għajnuniet għall-istudenti li se jersqu għall-eżami tal-Malti fil-livelli SEC u MATSEC, tagħrif dwar il-Premjazzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 2012, il-paġna Poeti Kontemporanji Maltin—din id-darba ddedikata liż-żagħżugħ Omar Seguna—, reċensjonijiet, u tagħrif interessanti ieħor. Infakkru li l-Għaqda Poeti Maltin għandha l-blog uffiċjali tagħha (www.ghpm.blogspot.com) u issa anki l-paġna tagħha fuq *Facebook*.

### JINSTAB ĊENTRU TAL-ARTI ANTIK F'NOFS RUMA

Waqt xi xogħlijiet li kienu għaddejjin biex titjieb dejjem iktar il-linja tal-ferrovija taħt l-art f'Ruma nstab dak li xi darba kien ċentru tal-arti importanti. L-arkeoloġi semmewh l-Awditorju ta' Hadrian, l-ikbar skoperta minn żmien il-kxif tal-Forum fis-snin 20 tas-seklu l-ieħor. Huwa magħmul minn tliet swali kbar, b'soqfa f'għamla ta' arkati u art miksija b'irħam prestiġġjuż. L-Imperatur Hadrian kien bena dan iċ-ċentru tal-arti li jesa' 900 post fis-sena 123 w.K. biex il-poplu jkun jista' jisma' jinqraw kemm poeżiji kif ukoll trattati filosofiċi. Imma, mal-waqa' tal-Imperu Ruman safa abbandunat u kien vittma ta' danni kbar permezz tat-terremot tas-sena 848, biex wara ntuża bħala kantina ta' sptar fis-seklu 16. Bħalissa mhu xejn ħlief toqba f'waħda mir-*roundabouts* l-aktar bieżla ta' Ruma. L-inġiniera issa għandhom sfida biex jaraw kif jifthu għallinqas wieħed miż-żewġ stazzjonijiet ferrovjarji li xtaqu jifthu oriġinarjament bla ma jikkompromettu din l-iskoperta arkeoloġika ewlenija.

### IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2012




Nhar il-21 ta' Diċembru saret iċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2012 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, fil-Berġa ta' Kastilja u taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi. It-taqsimiet ippremjati kienu Rumanzi u Novelli bil-Malti, Rumanzi u Novelli b'Lingwa Oħra, Proża Mhux Fittizzja, Textbooks, Poeżija bil-Malti, Drama bil-Malti, Riċerka Bijografika u Storika bil-Malti jew b'Lingwa oħra, Riċerka Ġenerali bil-Malti jew b'Lingwa oħra, Proża għat-Tfal, Proża għall-Adolexxenti, u Traduzzjoni. Ingħataw ukoll erba' premjijiet speċjali: għall-Aħjar Illustratur, għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bil-Malti, għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb b'Lingwa Oħra, u għal dik il-persuna li tat kontribut siewi fil-letteratura jew fil-qasam tal-ktieb. Minn hawn nifirħu lir-rebbieħa kollha u nawguraw risq lill-parteċipanti kollha.

**NOTA TAL-EDITUR:** Filwaqt li nirringrazzja lil kull min diġà bagħat materjal biex jidher fuq IL-PONT, nerġa' nfakkar li kull min jixtieq jikteb lill-Editur jew jibgħat materjal relevanti - li m'għandux ikun twil ħafna—jista' juża dan il-kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# L-INTERVISTA Alfred Palma



**Alfred Palma twieled fl-1939. Ħadem maċ-ċivil għal 30 sena sħaħ. Huwa msemmi l-iktar għat-traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri li ħarġet fl-1986. Qaleb għall-Malti anki x-xogħlijiet ta' Shakespeare, ta' Oscar Wilde u anki xogħlijiet ta' kittieba Franċiżi. Huwa l-awtur tal-ġabra poetika *Preludji* (1983), u tar-rumanzi *Overdose* (1995), *Aħfrilna Dnubietna* (1996) u *Tqanqil* (2010).**

**1. Meta tħares lura liema kien ix-xogħol l-iktar għal qalbek fil-qasam letterarju? Għaliex?**

Meta nħares lura, l-aktar xogħol li kien, għadu u jibqa' għal qalbi kienet it-traduzzjoni tad-*Divina Commedia* ta' Dante li, barra li offrietli sfida f'żgħożiti, għallmitni s-sigriet tat-tenaċità, kif jaħdem moħħ il-bniedem u l-filosfija tal-ħajja.

**2. Naf li inti involut f'attivitajiet ta' natura kulturali u letterarja fi ħdan Ħaż-Żabbar. Xi tgħid dwar dan?**

Iva, f'Ħaż-Żabbar jien involut f'diversi attivitajiet, l-aktar mal-Kunsill Ċiviku tal-lokal, għal snin twal immexxi b'tant dedikazzjoni u sagrifiċċji mis-Sinjura Grace Pace. Għalkemm m'iniex involut direttament fil-Kumitat, xorta ngħin kemm nista' biex bosta mill-attivitajiet li jkunu ppjanati jsiru, u jsiru b'suċċess. Ngħin ukoll bi programmi kulturali fuq Radju Hompesch, ir-radju tal-komunità Żabbarija, u noffri volontarjament is-servizzi tiegħi kulmeta l-Kunsill Lokali jitlobni l-għajnuna f'attivitajiet kulturali, u dan ukoll nagħmlu bil-qalb għax nemmen li l-kultura hija r-ruħ tal-bniedem u mingħajrha l-bniedem jitlef kull skop li għalih inħoloq.

**3. X'kien l-iktar xogħol letterarju reċenti tiegħek, u fuq xiex qed taħdem bħalissa?**

L-aħħar xogħol li ppubblikajt kienet it-traduzzjoni tas-*Sunetti* ta' Shakespeare. Dalwaqt noħroġ ukoll ġabra ta' novelli, stejjer u kitbiet oħra, bl-isem *Mill-kexxun t'isfel* u, jekk ma jinqala' xejn, aktar 'il quddiem it-traduzzjoni ta' *Candide* ta' Voltaire.

**LILEK, ĦABIB…**
***(Lil Peter A. Caruana)***

**P**inġejt il-poeżija, tajtha sura,
**E**mmint sħiħ f'Alla, ħabbejt in-Natura;
**T**ajt kulma stajt lil martek, lil uliedek,
**E**rħejt f'idejn Mulejna tbatijietek;
**R**ajnik tiċċajta, drabi xxerred demgħa,

**A**ħrax ċanfart lil min Ilsienna rema.

**C**hristine, Josette u Pierre, l-għażiża martek,
**A**ktar għeżież mix-xemx li ddawwal artek,
**R**aw fik missier ħabriek, li għex għalihom,
**U** martek, Mary Grace, raġel li ħabbha.
**A**ħna ma ninsewk qatt u, bl-hena mxabba',
**N**ilqgħuk hawn fostna, xħin fil-*Kikkra* tagħna
**A**rak dlonk ma' Dun Karm tissieħeb magħna!

*19 ta' Marzu, 2012*

# L-ARTI U L-ARTIST

**Lina Brockdorff**

Kwadru li jsaħħrek … mużika li tgħaxxqek … kitba li tpaxxik … flimkien mal-bosta ħuthom, l-ulied l-oħra tal-Arti, dawn kollha għandhom is-setgħa li jerfgħu l-bniedem 'il fuq waqt li riġlejh jibqgħu msammrin mal-art. Kemm kienet tkun tabilħaqq fqira din id-dinja ta' nkwiet, niket, weġgħat u biża' li kieku ma kinitx imżewqa bil-bakketta maġika tal-Arti! Għax l-Arti mhux biss ittaffi ftit mill-iswed dlam ta' madwarna imma toħloq ċerta dimensjoni f'ħajjitna li mingħajrha ma kinitx teżisti. L-Arti hija rikkezza, hija riżorsa umana li għalkemm tiswa ħafna mhux possibbli tinxtara bl-ebda deheb u djamanti. Saħansitra nissogra ngħid li l-Arti fiha nnifisha hija relazzjoni intima bejn il-Ħallieq u l-maħluq.

Minn żmien l-aktar bikri l-Arti kienet apprezzata għaliha nfisha għax permezz tagħha l-bniedem primittiv kien jesprimi ħsus qalbu. Kienet l-omm li minnha tnisslet il-kitba. Barra minn hekk hemm aspett ieħor li studjużi qed jaraw fl-Arti. Soċjoloġi moderni ħarġu bit-teorija li għad trid tkun l-Arti li tibni l-pont ta' fejda biex jirnexxilha tgħaqqad il-ġnus. U ħallik mill-aqwa armati, minn armi nukleari u sofistikati li kemm il-Lvant u l-Punent jinsabu f'tellieqa biex jiżviluppaw bil-moħbi ta' xulxin.

Mhux kulħadd jaqbel jekk l-artist 'jitwelidx' artist jew jekk 'isirx' artist bit-tagħlim u l-prattika, imma żgur li naqblu li l-artist ġenwin huwa xi ftit differenti minn ħutu l-bnedmin l-oħra. Ix-xenqa għall-Arti hija magħġuna u minsuġa ġol-istess għadmu u demmu. Jippreferi jibqa' bil-ġuħ milli jabbanduna dak li qed joħloq.

Forsi ta' min isejjaħlu xxurtjat għax fih teżisti potenżjalità qawwija. Mill-banda l-oħra fuqu taqa' r-risponsabbiltà li juża dak id-don li bih hu mżejjen; u din huwa jħossha, hu konxju tagħha. Drabi jħossu mgħobbi b'ċertu toqol li kważi jifnieh. Kemm-il darba tisma' xi pittur li għajnejh, miskin batuti sew, xi kittieb li beda jgħeja, xi kompożitur li s-sensi tiegħu qed jiddgħajfu, bħalma kien Beethoven u safrattant ma jċedux li jintelqu u jabbandunaw lill-Muża tagħhom. Jekk tisma' lil xi ħadd minnhom li b'kapriċċ jiddikjara li mhux ser ikompli, allura tinduna li dak mhux veru artist. Inqabbel l-artist mal-profeti li naqraw fuqhom fit-Testment l-Antik, li kienu jitwerwru mis-sejħa tagħhom għax jafu sew x'ser ikun sehemhom: b'dankollu ma setgħu bl-ebda mod jabbandunaw is-sejħa.

Għax trid iżżomm quddiem għajnejk li l-pittura, il-ktieb jew l-ispartit tal-mużika ma jaqgħux mis-sema. Il-pittur, l-awtur jew il-kompożitur irid iwelled dak li l-Muża qed tinbxu bih, u bħal kull twelid ieħor hu jeħtieġlu jgħaddi minn tqala u ħlas ta' dubbju, biża', xogħol iebes biex fl-aħħar jirnexxilu jara dik il-kreatura ġdida. L-istess bħal kull omm li miġnuna biex tara frott imħabbitha jeħtiġilha tħabbat wiċċha ma' kemm-il saram u wġigħ. Imma meta tħaddan magħħha lil dik it-tarbija hija togħxa tħares lejha bla ma tissogra temmen li hija tagħha.

Forsi mhux l-istess jagħmel l-artist? Kemm iħossu kburi b'dak li kien kapaċi jipproduċi, u li wara xhur, jew snin twal li kien ilu jissawwar fid-dalma ta' qalbu fl-aħħar jarah jitwieled!



Ħabib, ilek xejn ma tikteb?

# KTIEB MILL-QRIB Patrick Sammut

**IL-ĦAJJA TA' KARMENU VASSALLO (SKS, 2012)**
**ta' Marcel Zammit Marmarà**




Din hija bijografija miktuba bi stil mexxej, u ladarba tibdieha jiddispjaċik titlaqha minn idejk. Marcel Zammit Marmarà jerġa' jagħti l-ħajja lil Karmenu Vassallo permezz ta' ittri, intervisti, annotamenti, saġġi u kummenti li kiteb hu stess. Il-qarrej jifhem minnufih li dik tal-poeta mis-Siġġiewi qatt ma kienet ħajja faċli. Kien iltim, daq sewwa l-faqar, is-sagrifiċċji ta' kull tip, l-umiljazzjoni, l-ingratitudni, il-firda li ġġib magħha l-mewt tal-għeżież, u l-mard. Studja għal patri, għadda minn żmien meta ma riedx jaf b'nisa jew żwieġ, bata s-solitudni, iżżewweġ u sar missier iktar minn darba, bata wara li tilef tlieta minn uliedu, ħareġ għall-politika u kellu rwol ewlieni f'dan il-qasam, għallem il-Liċeo, serva bħala suldat, kien qarrej tal-provi u traduttur prim u ħadem max-xandir u fil-qasam ġurnalistiku, anki bħala editur.

Dan kollu jikxfu Marcel Zammit Marmarà wara snin twal ta' riċerka, korrispondenza, ġbir ta' materjal varju minn bosta persuni kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. B'hekk joħroġ il-personalità ta' dan il-Poeta umli li kelma ma kienx jomogħdha darbtejn u b'hekk żvoga fuq kollox permezz ta' vrusu u anki permezz tal-ittri u s-saġġi li kiteb. Berraħ ħsibijietu f'bosta kitbiet li dehru f'għadd kbir ta' gazzetti u kien jinkoraġġixxi poeti żgħażagħ, imma ħadha bi kbir kontra dawk li ħasbu li laħqu s-sema bil-versi sperimentali tagħhom fis-snin 60.

***IL-ĦAJJA TA' KARMENU VASSALLO*** hu ktieb li jpaxxik u li jagħti dak li ħaqqu lil min verament ħabb lil artu, lill-poplu Malti, u lil ilsien art twelidu. Prosit ukoll lil dawk il-bosta persuni li b'altruwiżmu u b'imħabba għaddew ammont kbir ta' materjal lil Marcel Zammit Marmarà biex ikun jista' joħroġ għad-dawl il-personalità kumplessa tal-"Poeta tan-Nirien". Hawn wieħed jistaqsi, "Meta se toħroġ ġabra sħiħa tal-produzzjoni poetika ta' Karmenu Vassallo?" Forsi dan ix-xogħol ikun jista' jidħol għalih l-istess Marcel Zammit Marmarà u jiġi ppubblikat mill-istess SKS li minn dejjem tat spinta lil-letteratura permezz ta' pubblikazzjonijiet mill-iprem.

Hemm waqtiet meta din il-bijografija tilħaq saħansitra l-ogħla qċaċet tal-*patos* li b'mod naturali tqabbeż saħansitra demgħa fuq ħaddejn il-qarrej attent, bħall-parti li tiddeskrivi l-aħħar waqtiet tal-ħajja tal-Poeta f'din id-dinja, wara żmien twil magħluq f'daru u mixħut fis-sodda minħabba mard differenti. Inħoss li hemm nuqqas ċkejken: ma ngħad xejn dwar x'seħħ waqt il-funeral u d-difna ta' Karmenu Vassallo, fejn hu midfun, forsi anki x'inkiteb għall-okkażjoni, anki jekk Marcel Zammit Marmarà ma żammniex sajmin minn bosta referenzi biblijografiċi mill-bidu sal-aħħar.

Ikomplu jsebbħu u jsaħħu din il-pubblikazzjoni l-bosta ritratti b/w - aktar minn 50 – marbutin ma' fażijiet differenti mill-ħajja tal-Poeta – li għal xi żmien kien hemm bosta li xtaqu jgħolluh għal Poeta Nazzjonali – u anki ritratti ta' ittri ttajpjati jew miktubin b'id il-Poeta stess, flimkien ma' poeżiji jew siltiet minnhom.

***IL-ĦAJJA TA' KARMENU VASSALLO*** għandu "Daħla" tal-Prof. Oliver Friggieri, "Nota tal-Awtur", biblijografija vasta ta' 52 paġna u anki Indiċi tal-Ismijiet. Din hija pubblikazzjoni li kull min għandu għal qalbu l-wirt Malti għandu jixtri u jaqra bla telf ta' żmien.

# IL-POEŻIJI

**LIL FR RENE A. CILIA**

Dal-lejl ħarist fis-sema, fiss lejn il-qamar u l-istilel
Fl-eqreb kewkba tnemnem lmaħt lil wiccek jixgħel.
It-tbissima ħelwa zokkor li toftom fuq ħaddejk,
riflessa f'dik id-dalma. Ma xbajtx inħares lejk.

Id-diqa ta' ġo qalbi inbidlet fi pjaċir
għax rajtek qalb l-istilel, mal-anġli 'l fuq ittir.
Il-qamar rajtu jidħak għax tiegħek xamm ir-ruħ,
imm' hawn isfel ħallejt bosta mgħarrqa fi xmara tad-dmugħ.

Mur ħabib ħu postok, qed naħlilek il-ħin
tidher il-ħerqa f'wiccek biex tasal ħdejn il-bambin.
Minn hemm kompli indokra żgħażagħ w' adoloxxenti
biex fuqhom dejjem tirrenja tbissimtek ferventi.

Xi darba għad niltaqgħu u j'Alla nkunu qrib.
Mur Rene, itlaq għaliex qed jistennik. Mur ħabib.

**JOSEF BORG**

**KARAVAN**

Jien u jien, nitkellmu w nitlewmu,
nissieltu f'taqbida ħarxa, ma naqblux…
Aħna mwaħħdin, jien nidher u jien ma nidhirx.
Flimkien nikkontemplaw il-ġenesi, il-kif u l-għala,
Infittxu 'l-oasi mdawwar bil-palm. F'waqtietna…

*Ix-xemx t'Awwissu bil-mazza w bl-inkwina,*
*l-imwieġ idoqqu n-nakkri bl-olè olè.*
*Il-blat ħotbi rasu iebsa, jogħxa taħt*
*l-iġsma godlija mitluq'alaxanxè…*

…ix-xtajta karnival bla kostumi,
jien ninġibed lejn il-ħġejjeġ jiżfnu s-Samba,
jien inrażżan ħsus qalbi mir-raġġi żerrieka.
Jien inżanżan maskra ġdida kuljum,
jien ninża' kollox fl-għadajjar tal-poeżija.

Jien u jien ġo karavan imqalleb.
Jien nieqaf fuq xifer l-irdum
jien nibqa' għaddej sa sebħ it-tiġdid.
Jien tal-ħamrija, jien essri bla tmiem.
Flimkien żingari solitarji, ħassieba, filosfi, vjaġġaturi…
Jien xewqat karnali stivati bejn it-trab,
jien metamorfosi maqful ġo gaġġa, nistenna
l-muftieħ ifaqqa', nistenna l-bieba żżaqżaq.
Hekk kif jien nieqaf ħesrem,
jien ninfatam mill-blat għarwien u naqsam il-baħar,
nirkeb fuq iż-żfief u nimmansa l-imwieġ jiżżiemlu…
…insir xemx tarmi d-dija.

Jien werqa tidbiel u ttir mar-riħ,
jien ir-ruħ fid-dwiem tistrieħ.

**RAYMOND GRECH**

**12-12-12**

The secret surged
it was discovered
and succumbed.
We are still alive
after the grim
predictions
of the Apocalypse,
the Mayan Calendar,
and the major players
of Wall $treet.
Because we are still
alive and shopping
we have to pay, as usual,
the incoming bills
of our credit cards.

**TERESINKA PEREIRA**
***Stati Uniti***

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***IL-KULTURA MALTIJA*** **ta' Fiona Mallia, KKM, 2012.**

Dan il-ktieb janalizza ħafna mill-aspetti kulturali Maltin, mill-ibgħad żminijiet sal-lum. B'dan il-mod wieħed jista' jkollu idea ċara ta' kif żviluppaw xi drawwiet, xogħlijiet u passatempi, filwaqt li jsir konxju tal-fatt li dak li aħna llum huwa riżultat tal-kultura tal-imgħoddi li nbidlet skont iċ-ċirkostanzi taż-żmien. Skont il-Prof Oliver Friggieri: "It-tagħrif dwar tant oqsma varji tal-ħajja Maltija hu mogħti mhux biss b'ħila imma wkoll b'imħabba, b'rispett, bi stil komunikattiv li jwassal lill-qarrejja biex issa mhux biss ikunu jafu aktar dwar Malta, imma wkoll u fuq kollox biex issa japprezzawha aktar." Il-kontenut ta' ktieb bħal dan jista' jservi bħala għodda siewja għall-istudenti li resqin għall-eżami taċ-ĊES u aktar u aktar għal min iħoss il-ħtieġa li jkabbar l-għarfien tiegħu dwar art twelidu.




***GĦAD-DELL TAL-BALLUTA*** **ta' Victor V. Vella, 2012.**

Dan il-ktieb tnieda f'Novembru tal-2012, fiċ-Ċentru Malti La Vallette f'Sydney, fil-preżenza ta' ħafna Maltin. Huwa ġabra ta' esejs/diskorsi fuq diversi suġġetti li nsibuhom madwarna fil-ħajja tagħna ta' kuljum u rridu nħabbtu wiċċna magħhom. Biċċiet minn dawn l-esejs jitfgħu ftit dawl fuq dak li naqraw u nisimgħu dwaru fl-aħbarijiet u għalhekk jgħinuna biex inkunu iżjed informati u nkunu kapaċi nieħdu deċiżjonijiet fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Fih sezzjoni speċjali fuq is-suġġett AĦNA KIF AĦNA li jesplora iżjed meta tkun 'il boghod minn art twelidek u forsi tasal ukoll biex tifhem iżjed xi ftit il-kultura tagħna u tapprezzaha. L-istil hu mexxej u kultant umoristiku. Kitba oħra interessanti ferm hija "Id-Daħla" fejn l-awtur jittratta s-suġġett ta' "L-Awtur fl-Eżilju". Hemm xi kopji disponibbli għand il-BDL f'San Ġwann.




***GLOSSARJU—ĠERMANIŻ-MALTI/MALTI-ĠERMANIŻ*** **ta' Aquilina/Stanyer/Scalpello, Faraxa Publications, 2012.**

Dan il-glossarju huwa għodda utli ħafna f'idejn l-għalliema tal-Ġermaniż, l-istudenti li qed jitħejjew biex isiru għalliema, l-istudenti nfushom u l-ġenituri li jkunu jixtiequ jsegwu il-progress ta' wliedhom f'dan l-ilsien barrani jew jitħajru jżuru l-pajjiżi fejn hu mitkellem il-Ġermaniż. Kull kelma f'dan il-glossarju hi mfissra fid-dettall u b'eżempji konkreti billi tintuża f'sentenzi sħaħ. Dan sar bil-għan li jingħelbu l-problemi attwali fil-mod ta' espressjoni li xi drabi mhi xejn naturali. Fl-istess ħin, l-awturi qagħdu partikolarment attenti li jitħares kemm il-kuntest kulturali Malti kif ukoll dak differenti Ġermaniż. Min irid aktar informazzjoni dwaru, mitlub jikkuntattja lid-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa fuq in-numru tat-telefon 356 9982015 jew billi jibgħat e-mail info@farxapublishing.com .